# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 140/2018

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Darmanin**

Seduta tal-24 ta' Mejju 2018

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Darmanin, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 231272M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli bejn il-11 ta' Gunju 2017 sat-2 ta' Settembru 2017, gewwa l-Gzejjer Maltin, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat naqas li jaghti lil Fiona Borg, is-somma, ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu u/jew martu, fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Marzu, 2018 li biha fuq ammissjoni sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u ikkundannatu ghal xahar detenzjoni.

Rat ir-rikors ta' Joseph Darmanin, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fis-26 ta' Marzu, 2018, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant hati thassar u tirrevoka l-parti tas-sentenza koncernanti l-piena inflitta fil-konfront tieghu u minflok tinfliggi piena aktar idonea skond ic-cirkostanzi ta' dan il-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

1. Illi fl-appell odjern l-appellant jilmenta mil-piena erogata mil-ewwel Qorti liema lanjanza hi radikata minn fattur ewlieni li minhabba ragunijiet medici mhux qed ikun possibbli li jlahhaq mad-dover tieghu li jivversa l-manteniment dovut;

2. Illi fis-seduta tal-lum, il-kwerelanta ikkonfermat tramite id-difensur taghha illi wara l-prolazzjoni tas-sentenza appellata l-appellant hallas dak kollu minnu dovut bhala manteniment;

3. Issa, ghad illi mhux normali li din il-Qorti bhala Qorti ta' Appell Kriminali tiddisturba d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti sia kwantu

jolqot l-apprezzament tal-fatti kif ukoll kwantu l-piena erogata hlief jekk dik il-Qorti ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal-dik il-konkluzzjoni, ukoll fil-kaz meta jekk il-piena ma tkunx fil-parametri tal-ligi, madanakollu l-iskop tal-legislatur kif espress fl-artikolu 338(z) tal-Kodici Kriminali intlahaq proprju bid-dikjarazzjoni ta' hlas tal-ammont kollu dovut;

4. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt illi tikkonfermaha f'dik il-parti li biha sabitu hati, tirrevokaha fil-parti fejn ikkundannatu ghal-piena ta' xahar detenzjoni u minflok tikkundannah ghal-twiddiba.